MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 91/2002/1

**MCE Limited**

**vs**

**Mario Pickard, bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Ideal Dwellings (Turnkey) Limited u f'ismu proprju bhala garanti ta' l-istess socjeta' kummercjali Ideal Dwellings (Turnkey) Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti flimkien in solidum bejnithom ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,845.72), Dok A, rapprezentanti prezz ta' diversi oggetti ta' l-eletriku u ohrajn ancillari, mibjugha u kkonsenjati lilu fuq inkarigu tieghu stess kif jirrizulta mid-diversi invoices.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja, u cioe' mid-data ta' kull invoice rispettiva sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-15 ta' Gunju, 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------